IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

MT

# Stqarrija għall-Istampa

**Il-Lussemburgu, id-19 ta' Settembru 2017**

## L-UE trid tnaqqas l-emissjonijiet u trid tadatta wkoll għat-tibdil fil-klima, iwissu l-Awdituri

**Skont analiżi panoramika ġdida dwar l-Azzjoni tal-UE f'Dak li Jirrigwarda l-Enerġija u t-Tibdil fil-Klima, li ġiet ippubblikata mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, azzjoni effettiva f'dak li jirrigwarda l-enerġija hija essenzjali biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima. L-awdituri jgħidu li l-produzzjoni u l-użu tal-enerġija jirrappreżentaw 79 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-UE. Anke jekk l-isforzi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra jirnexxu, l-adattament għat-tibdil fil-klima huwa neċessarju. Sa tmiem dan is-seklu, il-klima tal-Ewropa se tkun sinifikattivament differenti anke jekk ikun hemm żieda ta' mhux aktar minn 2°C fit-temperatura prevista mill-ftehim ta' Pariġi tal-2015.**

L-analiżi panoramika tipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-azzjoni tal-UE; tagħti sommarju tax-xogħol ewlieni tal-awditjar li sar mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u mill-istituzzjonijiet nazzjonali tal-awditjar tal-UE; u tidentifika l-isfidi prinċipali, sabiex tinforma kemm id-diskussjoni leġiżlattiva kif ukoll ix-xogħol tal-awditjar fil-ġejjieni.

L-awdituri jgħidu li l-enerġija u t-tibdil fil-klima huma marbutin mill-qrib, peress li l-produzzjoni tal-enerġija mill-fjuwils fossili u l-użu tal-enerġija mit-trasport, mill-industrija, mill-unitajiet domestiċi u mill-agrikoltura jirrappreżentaw b'mod konġunt 79 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-UE. Ħafna minn dawn il-kwistjonijiet l-aħjar jiġu indirizzati minn Stati Membri li jaħdmu flimkien u għandhom prijorità għolja fl-aġenda tal-UE.

*"Jeħtieġ li l-UE tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u li tadatta wkoll għall-klima li qed tinbidel. Il-projezzjonijiet attwali juru li jinħtieġ aktar progress biex jintlaħqu l-miri għall-2030 u l-objettivi għall-2050 fit-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra. Se tkun ukoll sfida kbira għall-UE u għall-Istati Membri li jantiċipaw u jippjanaw l-adattament b'mod korrett, biex b'hekk inaqqsu l-ħtieġa li jaġixxu tard, b'rispons għall-avvenimenti, li tiġi tiswiehom iktar,"* **qal Phil Wynn Owen, il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għall-analiżi**.

L-awdituri jgħidu li, fil-qasam tal-enerġija, parti importanti mill-azzjoni tal-UE hija l-istabbiliment ta' suq intern li jippermetti l-fluss liberu u n-negozjar mingħajr fruntieri tal-gass u l-elettriku madwar l-UE. Is-suq intern tal-enerġija għandu l-għan li jilħaq l-objettivi tal-politika tal-UE dwar l-enerġija, jiġifieri li b'mod kosteffettiv tiġi pprovduta enerġija affordabbli, bi prezz kompetittiv, sostenibbli u sigura. Minkejja li sar progress sinifikanti f'xi reġjuni tal-UE, is-suq intern tal-enerġija għadu ma ġiex

***L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tal-analiżi panoramika adottata mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.***
*L-analiżi sħiħa tinsab fuq www.eca.europa.eu.*


# ECA Press

**Mark Rogerson – Kelliem T: (+352) 4398 47063 M: (+352) 691 55 30 63**
**Damijan Fišer – Uffiċjal tal-Istampa T: (+352) 4398 45410 M: (+352) 621 55 22 24**
**12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg**
**E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu**

ikkompletat.

Dwar it-tibdil fil-klima, il-biċċa l-kbira mill-azzjoni tal-UE hija ffukata fuq tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra. L-UE ssettjat miri biex tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra b'20 % u 40 % rispettivament sal-2020 u l-2030. Sal-2050, l-UE biħsiebha tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħha b'bejn 80 % u 95 % meta mqabbla mal-1990. L-approċċi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra jvarjaw fost is-setturi. Bl-Iskema tagħha għan-Negozjar ta' Emissjonijiet, l-UE ssettjat limitu fuq l-emissjonijiet globali minn xi setturi tal-provvista tal-enerġija, industriji li jużaw ħafna enerġija u titjiriet intra-ŻEE. Billi ħolqot suq għall-kwoti tal-emissjonijiet, hija "poġġiet prezz" fuq il-karbonju. Fis-setturi l-oħra, l-approċċ kien li l-emissjonijiet jitnaqqsu permezz ta' miri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għal kull Stat Membru.

L-awdituri jgħidu li l-miri u l-objettivi tal-UE għall-2030 u l-2050 għat-tnaqqis tal-emissjonijiet mhumiex se jintlaħqu mingħajr sforzi addizzjonali sinifikanti, u s-setturi ekonomiċi kollha se jkollhom jikkontribwixxu. Biex jintlaħqu l-miri għall-2030, l-isforzi annwali fit-tnaqqis tal-emissjonijiet iridu jiżdiedu bin-nofs fl-10 snin li ġejjin. Però, l-iktar bidla sinifikanti se tkun meħtieġa wara l-2030, meta r-rata tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tkun trid taqbeż il-livelli storiċi b'minn tlieta sa erba' darbiet sabiex jintlaħaq l-objettiv għall-2050.

L-Istrateġija ta' Adattament tal-UE għall-2013 tħeġġeġ lill-Istati Membri jieħdu azzjoni, iżda mingħajr ma tobbligahom.

Ġew ikkonsultati 269 rapport tal-awditjar li tħejjew mill-UE u mill-Istati Membri. Fil-qasam tal-enerġija, minkejja ż-żieda rapida fis-sorsi ta' enerġija rinovabbli u t-tnaqqis fl-ispejjeż tagħhom globalment, l-awditi sabu nuqqas ta' kosteffettività kif ukoll ostakoli għall-investimenti. Il-kosteffettività ġiet identifikata wkoll regolarment bħala problema, fl-awditi tal-effiċjenza fl-enerġija. Fil-qasam tal-enerġija nukleari, l-awditi sabu żidiet fl-ispejjeż kif ukoll dewmien, li kienu sinifikanti. L-awditi wrew ukoll li l-bidla għal trasport b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju mhijiex qiegħda sseħħ b'mod suffiċjenti. Fil-qasam tal-adattament għat-tibdil fil-klima, l-awditi ffukaw prinċipalment fuq l-għargħar. Hawnhekk, l-awdituri sabu problemi fil-prevenzjoni tal-għargħar, fil-protezzjoni minnu u fir-rispons għalih.

Sa issa, xi oqsma ewlenin raw xogħol limitat tal-awditjar, bħal adattament għat-tibdil fil-klima, inventarji tal-gassijiet serra, kemm tal-UE kif ukoll dawk nazzjonali, emissjonijiet mit-trasport bit-triq u emissjonijiet mill-agrikoltura.

L-analiżi panoramika tidentifika seba' sfidi prinċipali: Governanza tal-enerġija u tat-tibdil fil-klima; Politika bbażata fuq l-evidenza; It-tranżizzjoni enerġetika; Użu effettiv tar-riċerka u tal-innovazzjoni; Ippjanar għall-adattament, u kif l-adattament jiġi indirizzat; Finanzjament; u Involviment taċ-ċittadini tal-UE.

**Nota lill-Edituri**

Sal-perjodu 2071-2100, il-klima tal-Ewropa se tkun sinifikattivament differenti minn dik tal-perjodu 1961-1990 jekk ikun hemm żieda ta' 2°C fit-temperatura meta mqabbla mal-livelli preindustrijali. Dan il-valur ta' żieda ta' 2°C huwa medja globali: anke jekk jintlaħaq, it-temperaturi se jiżdiedu b'ferm iktar minn 2°C f'ċerti reġjuni. Sal-perjodu mill-2071 sal-2100, it-temperaturi xitwin jistgħu jiżdiedu b'medja ta' minn 5 sa 8°C f'xi partijiet tal-Iskandinavja, meta mqabbla mat-temperaturi tal-perjodu 1961-1990. Fis-sajf, it-temperaturi jistgħu jiżdiedu b'medja ta' minn 3 sa 4°C fil-biċċa l-kbira ta' Spanja u fl-Iskandinavja ta' Fuq. Sal-perjodu mill-2071 sal-2100, ix-xita fix-xitwa tista' tiżdied b'iktar minn 25% f'xi partijiet tal-Ewropa ċentrali u tal-Iskandinavja, meta mqabbel mal-1961-1990. Il-livelli tax-xita fis-sajf jistgħu jonqsu b'iktar minn 50 % fil-biċċa l-kbira mill-kosta Mediterranja tal-UE.